**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0320/2021**

4.6.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 dwar il-kondizzjonalità
(2021/2711(RSP))

**Ryszard Antoni Legutko, Patryk Jaki, Ryszard Czarnecki, Sergio Berlato, Adam Bielan, Joachim Stanisław Brudziński, Angel Dzhambazki, Carlo Fidanza, Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Karol Karski, Beata Kempa, Izabela-Helena Kloc, Joanna Kopcińska, Elżbieta Kruk, Zbigniew Kuźmiuk, Beata Mazurek, Andżelika Anna Możdżanowska, Tomasz Piotr Poręba, Nicola Procaccini, Elżbieta Rafalska, Rob Rooken, Bogdan Rzońca, Jacek Saryusz-Wolski, Andrey Slabakov, Vincenzo Sofo, Raffaele Stancanelli, Beata Szydło, Dominik Tarczyński, Cristian Terheş, Grzegorz Tobiszowski, Valdemar Tomaševski, Witold Jan Waszczykowski, Jadwiga Wiśniewska, Kosma Złotowski**
f'isem il-Grupp ECR

**B9-0320/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 dwar il-kondizzjonalità (2021/2711(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 5, 7 u 15 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[1] ("ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità"),

– wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 1/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tas-17 ta' Lulju 2018 dwar il-proposta tat-2 ta' Mejju 2018 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri[2],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati tal-UE tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fil-11 ta' Diċembru 2020,

– wara li kkunsidra r-rikorsi għal annullament imressqa fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mill-Ungerija (C-156/21) u l-Polonja (C-157/21) li jikkontestaw il-legalità tal-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità tal-istat tad-dritt,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;

B. billi l-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni huma rregolati mill-prinċipju tal-għoti tal-kompetenzi, li, bħala konsegwenza, ifisser li l-kompetenzi li ma jingħatawx lill-Unjoni bit-Trattati jibqgħu l-kompetenzi tal-Istati Membri;

C. billi l-Artikolu 2 tat-TUE ma jagħti l-ebda kompetenza materjali lill-Unjoni u jelenka biss ċerti valuri li għandhom jiġu rrispettati kemm mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll mill-Istati Membri tagħha meta jaġixxu fi ħdan il-limiti tas-setgħat mogħtija lill-Unjoni mit-Trattati, u mingħajr ma jiġu affettwati dawk il-limiti;

---

[1] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.
[2] ĠU C 291, 17.8.2018, p. 1.

D. billi l-Artikolu 2 tat-TUE mhuwiex dispożizzjoni li għandha effett dirett u ma jistax jiġi segwit skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 258-260 u 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

E. billi l-ksur tal-valuri tal-Unjoni, inkluż l-istat tad-dritt, jista' jiġi invokat kontra Stat Membru biss jekk jaġixxi f'qasam li għalih l-Unjoni għandha l-kompetenza abbażi ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat li jistabbilixxu l-kompetenzi;

F. billi r-rispett għall-istat tad-dritt mill-Istati Membri ma jistax ikun is-suġġett ta' azzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, irrispettivament mill-eżistenza ta' kompetenza materjali speċifika li tinkwadra l-azzjoni, bl-unika eċċezzjoni tal-proċedura deskritta fl-Artikolu 7 tat-TUE;

G. billi l-Artikolu 7 tat-TUE biss jipprevedi kompetenza tal-Unjoni sabiex tiġi ssorveljata l-applikazzjoni tal-istat tad-dritt, bħala valur tal-Unjoni, f'kuntest li mhuwiex relatat ma' kompetenza materjali speċifika jew li tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha;

H. billi l-Artikolu 7 tat-TUE ma jistabbilixxix bażi biex tkompli tiġi żviluppata jew emendata l-proċedura deskritta fih;

I. billi hemm limitu fuq il-ġuriżdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-istat tad-dritt, fis-sens li għandha biss is-setgħa li tirrezamina r-rispett tal-istipulazzjonijiet proċedurali li jinsabu fl-Artikolu 7 tat-TUE u unikament fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat;

J. billi l-kunċett tal-istat tad-dritt huwa interpretat b'mod differenti minn Stat Membru għal ieħor;

K. billi Ewropa ta' Patriji hija waħda mill-viżjonijiet tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsisti fil-ħolqien ta' rabtiet ekonomiċi filwaqt li jinżammu d-distintività politika u s-sovranità tal-pajjiżi magħquda;

L. billi l-istituzzjonijiet tal-UE ma għandhom l-ebda kompetenza biex jadottaw xi definizzjoni tal-valuri elenkati fl-Artikolu 2 tat-TUE, b'mod partikolari tal-kunċett tal-istat tad-dritt, peress li ma ngħatawx din il-kompetenza fit-Trattati;

M. billi fin-nuqqas tal-kompetenza rilevanti, l-istituzzjonijiet, bl-adozzjoni ta' tali definizzjoni, ikunu qed jiksru t-Trattati u d-definizzjoni tmur kontra t-TUE;

N. billi l-Kunsill Ewropew jeħtieġlu jipprovdi lill-Unjoni l-impetu meħtieġ għall-iżvilupp tagħha u jeħtieġlu jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tagħha;

O. billi l-Kunsill Ewropew jista' jadotta konklużjonijiet fl-eżerċizzju tal-kompetenza tiegħu skont l-Artikolu 15 tat-TUE biex jipprovdi impetu għall-iżvilupp tal-Unjoni;

P. billi dawn il-konklużjonijiet la huma f'kunflitt mar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, u lanqas ma jikkontradixxuh jew jemendawh;

Q. billi mhijiex l-ewwel darba jew rari li l-Kummissjoni tadotta linji gwida li jistabbilixxu kif se tapplika u timplimenta l-leġiżlazzjoni f'ċertu qasam, u billi ma hemm xejn illegali

dwar l-għażla tal-Kummissjoni li tiżviluppa u tadotta linji gwida għall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità;

R. billi l-interpretazzjonijiet kollha stabbiliti fil-linji gwida se jkunu dikjarazzjonijiet ta' kif il-Kummissjoni tifhem ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità;

S. billi l-Kummissjoni u l-Parlament jidhru li jridu jużaw il-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità tal-istat tad-dritt kontra l-Istati Membri li qed jiddefendu s-supremazija tal-valuri tradizzjonali tagħhom u l-kostituzzjonijiet tagħhom stess;

T. billi l-Kummissjoni hija indipendenti fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha u billi, sakemm il-linji gwida jiġu ffinalizzati, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tipproponix miżuri skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità;

1. Jissottolinja li l-istat tad-dritt huwa primarjament dwar azzjoni fuq il-bażi u fil-limiti tal-liġi u tat-Trattati;

2. Jisħaq li l-unika possibbiltà għal interferenza mill-Unjoni fi kwistjonijiet relatati mar-rispett mill-Istati Membri tal-valuri tal-Unjoni bħala tali hija l-Artikolu 7 tat-TUE; jenfasizza li l-Artikolu 7 tat-TUE huwa komplut u eżawrjenti;

3. Iqis li huwa legalment inaċċettabbli li jiġi introdott mekkaniżmu ġdid *de facto* ta' kontroll tal-istat tad-dritt, li huwa kkonfermat ukoll mill-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2018;

4. Jitlob li l-proċeduri tal-istat tad-dritt skont l-Artikolu 7 jitlestew qabel ma tittieħed azzjoni *contra legem* fuq il-bażi li "jekk ma nistax nikseb l-objettiv tiegħi fi ħdan il-liġi eżistenti, jien se nikser it-Trattati";

5. Jisħaq li l-organizzazzjoni tal-ġudikatura hija l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri;

6. Jiddispjaċih għall-estensjoni tal-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħal fil-Kawża C-121/21, li timmina l-fiduċja fl-Unjoni Ewropea u l-prinċipji tal-proporzjonalità u l-lealtà, li jirriżultaw direttament mit-Trattati;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.